# L-ISLA TFAKKAR LIL DOM MAURU INGUANEZ O.S.B.



## F'għeluq il-mitt sena min twelidu

L-istorja tal-belt ta' l-Isla matul il-medda tagħha ta' aktar minn 430 sena tirreġistra għadd ta' persuni prominenti imweldin f'din il-belt, li kisbu ġieh għalihom u għal pajjiżhom f'diversi oqsma tal-ħajja bħal ma huma dawk ta' l-arti, kultura, xjenza, snajja, reliġjon, politika fil-gżejjer Maltin u wkoll lil hinn mix-xtut tagħna. Sengleani bħal Francesco Żahra, Karlu Darmanin, l-Isqof Mattei, Ġorġ Mitrovich, Mons. Injazju Panzavecchia, it-teologu Giov. Mattew Rispolis, l-Isqof Emmanuel Galea, naqqxu isem għalihom u għal belt twelidhom fil-paġni ta' l-istorja ta' pajjiżna bil-ġieh li rnexxielhom jiksbu bil-ħila u l-ħidma tagħhom.

Ma' l-ewlenin fost is-Sengleani l-aktar magħrufin jixraqlu jissemma r-Reliġjuż Benedettin studjuż u għaref ta' Montecassino Dom Mauru Inguanez, li twieled fl-Isla nhar il-21 ta' Settembru 1887, sewwa sew mitt sena ilu. Dom Mauru kien diġa mfakkar fl-Isla 16-il sena ilu, fis-sena 1971, meta l-belt ta' l-Isla kienet qed tiċċelebra egħluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina. F'dawk il-jiem in-nies ta' l-Isla ħassew li kien xieraq li jfakkru s-sehem kbir u t-tħabbrik sħiħ ta' Dom Mauru fil-Vatikan biex seħħet l-inkurunazzjoni billi qiegħdu lapida tar-rħam mal-faċċata tad-dar fejn kien twieled u trabba Franġisku (għax hekk kien jismu qabel daħal mal-Benedittini f'Montecassino) Inguanez.

F'dik l-irħama jissemmew il-fama ta' Dom Mauru bħala Biblijotekarju u l-imħabba tiegħu lejn l-Isla. Jien li kelli x-xorti nsir nafu meta reġa' ġie lura Malta wara tmiem l-aħħar gwerra u nkun midħla tiegħu sakemm miet, nista' nfisser il-kelmiet ta' dik l-irħama billi nżid xi tagħrif personali mill-esperjenza ta' ħbiberija li kienet torbotna flimkien bħala Sengleani u ekkleżjastiċi. Sirt naf mill-qrib lil Dom Mauru għaliex meta ġie lura Malta wara l-gwerra għamel żmien joqgħod fis-Seminarju tal-Furjana sakemm kellu jinġabar mal-familja tiegħu minħabba saħħtu. F'dak iż-żmien jien kont is-Seminarju qed nistudja għas-saċerdozju. Malli sar jafni u għidtlu li jien mill-Isla, Dom Mauru kien isejjaħli ħdejh tista' tgħid kull filgħaxija wara l-ikel u konna noqgħodu nitkellmu flimkien fuq l-istudju u l-ħajja tiegħu, fuq l-Isla ta' żmienu u ta' żmieni u fuq l-istudju u l-ħidma futura tiegħi.

L-ewwel ħwejjeġ li laqtuni malli sirt nafu kienu l-intelliġenza mhux komuni tiegħu, il-kultura wiesgħa u profonda tiegħu speċjalment fuq il-kitba u l-kotba (manuskritti) antiki fuq l-istorja tal-qedem, fil-lingwi klassiċi (Grieg, Latin u Lhudi) u moderni, il-ġentilezza u s-sens fin ta' umoriżmu u kien iħobb jirrakonta praspar ta' tfulitu u żgħożitu meta kien student fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta. Kellu fuq kollox imħabba u għożża kbira għall-Isla u għal Marija Bambina. Wiċċu kien donnu jixgħel bil-hena u bl-entużjażmu meta d-diskors kien jaqa' fuq xi suġġett marbut ma' l-Isla. Kemm dam joqgħod magħna fis-Seminarju, kien isemmili l-Isla ta' tfuliti u n-nies tagħha u mbagħad kien joqgħod jistaqsini fuq familji u djar li hu kien jiftakar biex ngħidlu x'kien ġara minnhom matul is-snin tal-gwerra. Kien f'dak iż-żmien li sirt naf mingħandu fuq ix-xogħol immens tiegħu f'Montecassino matul it-30 sena ta' qabel il-gwerra, it-tiġrib li għadda minnu hemmhekk matul is-snin tal-gwerra, kemm irnexxielu jsalva teżori u manuskritti antiki mill-qerda tal-bumbardamenti fuq l-Abbazija ta' Montecassino u fuq il-vjaġġi tiegħu fl-Amerika wara l-gwerra biex jagħmel konferenzi u taħditiet fuq il-qerda ta' Montecassino u kemm irnexxielu jiġbor flejjes biex dak il-Monasteru storiku fuq il-quċċata ta' muntanja barra l-belt ta' Cassino jkun jista' jerġa' jimbena mill-ġdid.

F'dak iż-żmien kien diġa' beda jimxi bil-bastun minħabba li riġlejh kienu bdew jiddgħajfu u juġgħuh. Imma l-entużjażmu u l-ħeġġa għall-istudju u l-kotba qatt ma naqsuh u ma qatax qalbu jidħol għax-xogħol ta' Biblijotekarju prinċipali ta' Malta, fejn għamel xogħol ta' tiftix, tqassim, tiswija u tiġdid ta' dokumenti mill-aktar antiki, li ħadd ħliefu ma kien kapaċi jagħmel f'dak iż-żmien. Niftakar li kien irrestawra wkoll xi reġistri antiki ta' żmien il-bidu tal-Kolleġġjata ta' l-Isla.

Sadattant jien kont saċerdot fis-sena 1952 u sena wara mort nistudja Ruma. Kien hemm li sentejn wara, f'Ottubru tas-sena 1955 waslitli l-aħbar li dan is-Senglean għaref u ta' qalb kbira kien miet hawn Malta fid-dar tal-familja tiegħu f'Tal-Pietà. Malli qrajt dik l-aħbar fis-skiet ta' kamarti, ħassejt demgħa ċċarċar ma' ħaddejja, għidt talba minn qalbi għal dan il-ħabib u benefattur kbir ta' pajjiżi u ktibt poeżija b'tifkira tiegħu li dehret fil-gazzetta Sengleana INVICTA li dak iż-żmien kienet toħroġ kull xahar.

**Professur Mons. C. Muscat**